# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Emanuel Mifsud**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Emanuel Mifsud**, karta tal-identita′ bin-numru 623860M fejn ġie mixli talli nhar l-4 ta′ Ġunju 2014 u fil-ġranet u x-xhur ta′ qabel ġewwa Ħal-Qormi, b′diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, imma li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b′riżoluzzjoni waħda, ikkommetta serq ta′ elettriku ta′ valur ta′ iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro, sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37), għad-dannu tal-kumpanija Enemalta, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, ħin u valur.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Rat li matul is-seduta tat-28 t'Ottubru 2015, Alan Chetcuti għam-nom tal-kumpanija Enemalta plc ipprezenta d-dokument li permezz tiegħu, f'isem iċ-Chairman ta' Enemalta plc huwa kien qiegħed itenni li in konnessjoni mar-rapport ta' irregolarita' fl-arloġġ tad-dawl fil-fond meritu ta' dan il-każ, fejn l-istess Enemalta plc iddikjarat li ma baqgħalha ebda pendenza rigward dan il-każ u ddikjarat li kienet qegħda tirrinunzja mingħajr riżerva għall-passi kriminali, liema rinunzja kienet qed issir skont ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-elettriku (L.S. 423.01), regolament 88.

***Ikkunsidrat : -***

Illi skont l-Artikolu 283A tal-Kodiċi Kriminali :

> Għar-reat ta' serq ta' elettriku ma jittieħed ebda proċediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiża wkoll meta rreat ikun ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati skont dak li jipprovdi l-artikolu 370(1) u l-offiż ma jkunx irrinunzja espressament għall-azzjoni fi żmien erbat ijiem minn dakinhar li jkun sar ir-reat. Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw minkejja kull ħaġa oħra li jingħad fil-proviso tal-artikolu 373.

Inoltre skont ir-regolament 88(2) proviso (a) tal-L.S. 423.01: -

> Iżda wkoll ċ-*Chairman* tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jkollu d-diskrezzjoni assoluta li:
> (*a*) jirrinunzja għal proċeduri kriminali kontra persuna jew konsumatur kif hawn qabel imsemmi;

***DECIDE***

Il-Qorti għalhekk wara li ħadet konjizzjoni tar-reċess tal-kwerela da parti taċ-Chairman tal-Enemalta plc u wara li rat l-Artikolu 283A tal-

Kodiċi Kriminali u r-regolament 88(2) proviso (a) tal-L.S. 423.01, tiddikjara l-proċediment eżawrit.

***Mogħtija illum it-28 t'Ottubru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***